



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2010/2055(INI)

3.6.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar l-interkonnessjoni tar-reġistri kummerċjali
(2010/2055(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Catherine Soullie

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-aċċess transkonfinali ffaċilitat għal informazzjoni affidabbli u aġġornata dwar il-kumpaniji jqawwi t-trasparenza u ċ-ċertezza legali fis-suq intern u jista' jreġġa' lura l-fiduċja fis-swieq wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja,
 - B. billi fil-25 u s-26 ta' Mejju 2010 il-Kunsill adotta konklużjonijiet li korrettament jenfasizzaw l-importanza tal-kwalità tad-data u l-ħtieġa tas-semplifikazzjoni rigward l-aċċess għall-informazzjoni, għat-titjib tal-fiduċja tal-persuni interessati u tas-suċċess tal-attivitajiet fi ħdan is-suq intern, kif ukoll il-ħtieġa li l-Istati Membri kollha jiġu integrati f'dak i jirrigwarda l-aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni,
 - C. billi l-kooperazzjoni effiċjenti bejn ir-reġistri kummerċjali fi proċeduri transkonfinali hija indispensabbli biex niżguraw li s-suq intern jaħdem sewwa,
 - D. billi l-frammentazzjoni tar-regoli dwar ir-reġistrazzjoni tal-kumpaniji tagħmel ħsara lill-konsumaturi kif ukoll lid-dinja tan-negozju u lill-ekonomija, u billi t-trasparenza hija essenzjali biex tinholq il-fiduċja meħtieġa bejn il-persuni interessati fi ħdan is-suq intern,
1. Jasserixxi li l-iffaċilitar tal-komunikazzjoni bejn ir-reġistri kummerċjali Ewropej kollha jsaħħaħ it-trasparenza u l-kunfidenza tal-persuni interessati kollha fis-suq intern;
 2. Jinnota li huwa essenzjali li jiġu ttrattati l-ostakli burokratiċi, tekniċi u lingwistiċi li jxekklu l-aċċess transkonfinali għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji u għalhekk lis-suq intern ma jhalluhx jiffunzjona bla intoppi; jinsisti li l-informazzjoni dwar il-kumpaniji għandha tkun disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni;
 3. Huwa konvint li aċċess imtejjeb u liberu għall-informazzjoni huwa meħtieġ biex jgħin lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju, li jirrappreżentaw element prinċipali fis-sinġla tal-ekonomija Ewropea u huma l-mutur prinċipali li johlq l-impjiegi, it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali fl-Ewropa, billi jikkontribwixxi biex inaqqsilhom il-piżijiet amministrattivi;
 4. Jisħaq fuq l-importanza tal-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji Ewropej speċjalment fir-rigward tad-Direttiva dwar is-Servizzi u l-istatut pendenti tal-Kumpanija Privata Ewropea; jitlob għalhekk li jiġu implimentati format komuni tar-reġistri kummerċjali u ċertifikat Ewropew tan-negozju għall-impriżi Ewropej, bil-għan li jkomplu jittejjbu l-uniformità u ċ-ċertezza legali tad-data reġistrata;
 5. Jenfasizza li l-aċċess faċli għal data affidabbli dwar mergers, trasferimenti tas-sede jew proċeduri transkonfinali oħra huwa indispensabbli għall-kumpaniji Ewropej kollha u se jkompli jagħti spinta lill-kompetittività u l-fluwidità tal-funzjonament tas-suq intern, billi jqawwi l-libertajiet ewlenin tiegħu tal-moviment tal-fondi, tas-servizzi u tal-persuni;

6. Jemmen li kwalunkwe strateġija biex noħorġu mill-kriżi u biex intejbu l-funzjonament tas-suq uniku għandha tinvolvi trasparenza u kooperazzjoni ikbar fil-mekkaniżmi transkonfinali, li għandhom iżidu l-fiduċja tal-500 miljun konsumatur Ewropew;
7. Jisħaq fuq l-importanza tal-kwalità tal-informazzjoni li tinsab fir-reġistri kummerċjali; jenfasizza li l-kwalità tal-informazzjoni dwar il-kumpaniji għandha tkun affidabbli u teknikament standardizzata fl-Istati Membri kollha, sabiex tiżgura żvelar ta' informazzjoni trasparenti u ta' użu faċli;
8. Jinsisti fuq l-importanza tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) għal implimentazzjoni mtejba tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern, għaladarba diġà tat prova li hija strument ta' suċċess fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali (2005/36/KE) u tad-Direttiva dwar is-Servizzi (2006/123/KE);
9. Ifakkar li l-Istati Membri kollha diġà jużaw l-IMI u li din tista' tiġi estiża għal firxa usa' ta' proċeduri bla ma tinvolvi investment sinifikanti mill-Istati Membri;
10. Ifakkar li l-EBR (ir-Reġistru Ewropew tan-Negozju) ukoll joffri liċ-ċittadini u lill-kumpaniji aċċess għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji, imma li dan in-netwerk, madankollu, għadhom ma jużawhx l-Istati Membri kollha;
11. Jinnota l-importanza ta' komunikazzjoni awtomatizzata bejn ir-reġistri kummerċjali Ewropej ibbażati fuq standards u li jippermettu l-interoperabbiltà, li sejra tagħti spinta lit-trasparenza u lill-kunifdenza fl-operat tas-suq intern, u jistieden lill-Istati Membri, għaldaqstant, biex jikkommettu rwieħhom favur il-proġett BRITE (Interoperabbiltà tar-Reġistri Kummerċjali Madwar l-Ewropa) billi jadottaw leġiżlazzjoni vinkolanti; jenfasizza li bażi legali soda hija l-uniku mezz biex il-kwalità tal-informazzjoni skambjata titjeb;
12. Jinkoraġġixxi l-implimentazzjoni tar-riżultati tal-proġett BRITE, għax se jkunu indispensabbli biex jinbena netwerk Ewropew ta' reġistri kummerċjali;
13. Jisħaq fuq l-importanza li l-awtoritajiet kompetenti u ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal informazzjoni affidabbli, regolari u aġġornata dwar il-kumpaniji li tkun disponibbli bil-lingwa korrispondenti; jenfasizza l-importanza li d-data u s-sistemi ta' BRITE, IMI u EBR jiġu integrati ulterjorment biex b'hekk ikun implimentat punt uniku ta' aċċess għall-persuni interessati u għall-konsumaturi fis-suq uniku, bi tnaqqis tal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet kemm għall-produtturi kif ukoll għall-konsumaturi permezz ta' konċentrazzjoni tal-informazzjoni, u għaldaqstant isaħħaħ sew il-kummerċ transkonfinali, b'mod speċjali l-kummerċ elettroniku transkonfinali, kif ukoll it-tkabbir ekonomiku fl-Unjoni.
14. Jirrakkomanda li kwistjonijiet prattiċi li jinvolvu l-kooperazzjoni għandhom jiġu ċċarati fi ftehim amministrattiv bejn l-Istati Membri u/jew ir-reġistri kummerċjali tagħhom;
15. Jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem ħalli l-Istati Membri kollha tal-UE jiġu integrati f'dan il-punt uniku ta' aċċess għall-informazzjoni billi tipprovdi għarfien espert u riżorsi addizzjonali; jitlob lill-Kummissjoni biex teżamina l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' sħubija obbligatorja tal-Istati Membri kollha tal-UE f'dan il-punt uniku ta' aċċess għall-

informazzjoni;

16. Jipproponi li dan il-punt uniku ta' aċċess għall-informazzjoni, b'reġistrazzjoni obbligatorja għan-negozji, għandu jkun disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni; jitlob li jkunu garantiti modi effikaċi biex l-eżistenza tiegħu tkun ippubblikata ħalli l-partijiet interessati kollha jkunu jistgħu jużaw dan il-punt uniku ta' aċċess għall-informazzjoni biex jiksbu informazzjoni ċara u affidabbli dwar il-kumpaniji Ewropej.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	3.6.2010						
Riżultat tal-votazzjoni finali	<table style="width: 100%; border-collapse: collapse;"> <tr> <td style="width: 60%;">+:</td> <td style="text-align: right;">36</td> </tr> <tr> <td>–:</td> <td style="text-align: right;">0</td> </tr> <tr> <td>0:</td> <td style="text-align: right;">0</td> </tr> </table>	+:	36	–:	0	0:	0
+:	36						
–:	0						
0:	0						
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Cristian Silviu Buşoi, Lara Comi, António Fernando Correia De Campos, Jürgen Creutzmann, Christian Engström, Evelyne Gebhardt, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, Philippe Juvin, Sandra Kalniete, Eija-Riitta Korhola, Kurt Lechner, Toine Manders, Hans-Peter Mayer, Mitro Repo, Robert Rochefort, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Catherine Stihler, Róża Gräfin Von Thun Und Hohenstein, Kyriacos Triantaphyllides, Emilie Turunen, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler						
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ashley Fox, Anna Hedh, Constance Le Grip, Emma McClarkin, Morten Messerschmidt, María Muñiz De Urquiza, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Wim van de Camp						